MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
ANNA FELICE**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 1084/2005/1

***Fl-atti ta' l-Appell minn Decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-24 ta' Novembru 2005 wara rikors (numru 1084/05 TM) ipprezentat ai termini tar-Regolament 44/2001(EC) fl-14 ta' Novembru 2005 fl-ismijiet:-***

**Elf Aquitaine, socjeta` estera registrata Franza, bin-numru ufficjali 552 120 784 R.C.S. Nanterre, rappresentata mill-mandatarju specjali taghha Dottor Louis Cassar Pullicino (numru tal-karta ta' l-identita` 441061M)**

**v.**

**Andre` Guelfi**

**Il-Qorti:**

Rat ir rikors presentat mis-socjeta` Elf Aquitaine quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Novembru 2005 li permezz tieghu l-imsemmija socjeta` talbet li dik il-qorti tiddikjara, a tenur tal-***Council Regulation (EC) No. 44/2001*** tat-22 ta' Dicembru 2000 (hawn aktar 'l quddiem "ir-Regolament"), li s-sentenza moghtija fil-31 ta' Marzu 2005 mill-Qorti ta' l-Appell ta' Parigi, ossia mid-*9me Chambre Correctionelle de la Cour d'Appell de Paris*, bejn *Societe Anonyme Elf Aquitaine (partie civile) et autres* u *Monsieur Andre` Guelfi (personne poursuivie) et autres* (Referenza 04/00935) – u li kopja awtentikata u tradotta taghha giet ezibita ma' l-istess rikors – hija ezegwibbli, bhallikieku kienet sentenza moghtija minn dik il-qorti (cioe` mill-istess Prim Awla); kif ukoll talbet li dik il-qorti tordna, "ghall-finijiet u effetti tal-artikolu 42 tal-imsemmi Regolament li l-partijiet jigu mgharrfa b'din is-sentenza";

Rat id-dokumenti annessi ma' l-imsemmi rikors, inkluz ic-certifikat, Dok. LCP 4, datat 20 ta' Mejju 2005, mahrug mill-Qorti ta' l-Appell ta' Parigi konformament ma' l-artikoli 54 u 58 tar-Regolament;

Rat in-nota tas-socjeta` Elf Aquitaine, presentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Novembru 2005;

Rat id-decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili ta' l-24 ta' Novembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rrilevat li s-sentenza imsemmija tal-Qorti ta' l-Appell ta' Parigi kienet, ghal dak li jirrigwarda l-aspetti civili taghha, tirrientra fl-ambitu tar-Regolament imsemmi, laqghet it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u, ai termini ta' l-artikolu 42 tar-Regolament, ordnat li kopja ta' l-istess decizjoni taghha, flimkien ma' kopja tar-rikors u d-dokumenti annessi, jigu notifikati lill-intimat Andre` Guelfi skond il-ligi;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Andre` Guelfi, minnu pprezentat fis-27 ta’ April 2006[1], li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata ta’ l-24 ta’ Novembru 2005 billi tiddikjara li d-decizjoni tal-31 ta’ Marzu 2005 tal-Qorti ta’ l-Appell ta’ Parigi ma tistax tigi enfurzata f’Malta ai termini tal-imsemmi Regolament;

Rat ir-risposta tas-socjeta` appellata Elf Aquitaine tat-22 ta’ Mejju 2006[2];

Rat ir-rikors ulterjuri ta’ Andre` Guelfi tat-2 ta’ Gunju 2006[3], maghmul ai termini ta’ l-Artikolu 46 tar-Regolament, li permezz tieghu talab li din il-Qorti ta’ l-Appell (1) tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell ta’ Parigi tal-31 ta’ Marzu 2005 “mhijiex wahda finali ai termini tar-Regolament 44/2001”, u (2) tordna s-sospensjoni tal-proceduri pendenti l-ezitu ta’ proceduri li r-rikorrent Guelfi kien istitwixxa quddiem il-*Cour de Cassation* ta’ Parigi; rat ir-risposta ghal dan ir-rikors tas-socjeta` Elf Aquitaine tal-15 ta’ Gunju 2006[4];

Rat il-provvediment ta’ din il-Qorti (diversament komposta) tat-28 ta’ Lulju 2006[5] li, ghar-ragunijiet fih moghtija, ipprovdiet hekk:

**“…tissospendi dawn il-proceduri fit-termini tal-Artikolu 46(1) tar-Regolament 44/2001 u dan *rebus sic stantibus*, b’dan illi kull wahda mill-partijiet ikollha d-dritt li tadixxi lil din il-Qorti ghall-kontinwazzjoni ta’ dawn il-proceduri wara li jigu determinati l-proceduri fil-Kassazzjoni jew, anke qabel, jekk ikun hemm bdil fic-cirkostanzi li fil-fehma ta’ parti jew ohra tkun timmilita favur il-kontinwazzjoni ta’ dawn il-proceduri. Nel frattemp il-proceduri odjerni m’ghandhomx jibqghu jidhru fuq il-lista’ ta’ din il-Qorti.”** ;

[1] Fol. 2 ta’ l-atti ta’ l-appell.
[2] Fol. 9.
[3] Fol. 22.
[4] Fol. 131.
[5] Fol. 238.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Elf Aquitaine tas-17 ta' Mejju 2007[6] li permezz tieghu filwaqt li nfurmat lil din il-Qorti li b'decizjoni tal-Qorti ta' Kassazzjoni Franciza tal-31 ta' Jannar 2007 – kopja bl-Ingliz[7] annessa ma' l-istess rikors – l-appell lil dik il-qorti ta' Andre` Guelfi kien gie respint, talbet li jigu riappuntati ghas-smigh il-proceduri ta' l-appell wara r-rikors ta' l-imsemmi Guelfi tas-27 ta' April 2006;

Rat ir-rikors ta' Andre` Gulefi tat-23 ta' Novembru 2007[8] li permezz tieghu filwaqt li gharraf lil din il-Qorti li huwa kien beda proceduri quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasbourg, talab is-sospensjoni ta' dawn il-proceduri pendenti l-ezitu tal-proceduri quddiem il-qorti fi Strasbourg; dan ir-rikors gie trattat fl-udjenza tas-27 ta' Novembru 2007;

Rat il-provvediment tas-27 ta' Novembru 2007[9] li permezz tieghu din il-Qorti cahdet it-talba ghas-sospensjoni ta' dawn il-proceduri wara li osservat li l-proceduri mibdija mir-rikorrent quddiem il-Qorti ta' Strasbourg "ma jissospendux l-ezegwibilita` tas-sentenza Franciza li wkoll ga ghaddiet mill-istadju tal-Kassazzjoni";

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-27 ta' Novembru 2007; hadet konjizzjoni tan-nota ta' referenzi ta' l-appellant Andre` Guelfi tat-3 ta' Dicembru 2007; ikkunsidrat:

**1.** L-appellant Guelfi, fir-rikors ta' appell tieghu tas-27 ta' April 2006, ghandu erba' aggravji kontra d-decizjoni ta' l-ewwel qorti ta' l-24 ta' Novembru 2005. Dawn huma, bazikament, is-segwenti: (**i**) li r-rikors promotorju quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili ta' l-14 ta' Novembru 2005 gie intavolat f'ismijiet li ma jikkorrispondux ma dawk li fihom inghatat is-sentenza tal-31 ta' Marzu 2005 mill-Qorti ta' l-Appell ta' Parigi; (**ii**) li s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' Parigi appena msemmija m'ghandhiex tigi ezegwita f'Malta ghax din hija "manifestly contrary to [the] public

[6] Fol. 242.
[7] Fol. 244 sa 347.
[8] Fol. 358.
[9] Fol. 362.

policy" ta' Malta, u dan fit-termini ta' l-artikolu 34(1) tar-Regolament; (**iii**) illi hu – cioe` l-appellant – gie kkundannat ihallas lil Elf Aquitaine is-somom imsemmija fir-rikors promotorju kif ukoll fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' Parigi solidament ma' imputati ohrajn u xi whud minn dawn il-ko-imputati diga` hallsu parti mis-somom involuti jew inqabdu proprjetajiet ta' terzi li jissodisfaw dawn is-somom u ghalhekk "ma tistax tigi reza ezegwibbli id-decizjoni pretiza minghajr ma jigi l-ewwel determinat xi thallas diga` mill-ko-imputati l-ohra u jkun hemm id-debita riduzzjoni tas-sentenza pretiza"; u (**iv**) illi s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' Parigi mhix wahda definittiva ghax l-imsemmi Guelfi appella minnha quddiem il-Qorti ta' Kassazzjoni.

**2.** Qabel ma din il-Qorti tezamina dawn l-aggravji, huwa opportun li jigi senjalat li f'dana l-istadju ta' l-appell – li kif iddikjara l-istess appellant qed isir skond ma' jipprovdi l-artikolu 43 tar-Regolament – din il-Qorti hija marbuta b'dak li jipprovdi l-artikolu 45 ta' l-istess Regolament, u cioe` li *"The court with which an appeal is lodged under Article 43...shall refuse or revoke a declaration of enforceability <u>only on one of the grounds specified in Articles 34 and 35</u>...Under no circumstances may the foreign judgment be reviewed as to its substance."* (sottolinear ta' din il-Qorti). Dan ifisser li ebda aggravju li ma jinkwadrax b'xi mod f'dawn l-artikoli 34 u 35 ma jista' jigi kkunsidrat minn din il-Qorti.

**3.** Issa, kwantu ghar-raba' aggravju, dana gie ormaj sorvolat bis-sentenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni, aktar 'l fuq imsemmija, li cahdet l-appell interpost minn Guelfi. B'din is-sentenza ta' Kassazzjoni, saret "finali", u mhux soggetta ghal ebda "ordinary appeal" (art. 46 tar-Regolament) iehor, is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' Parigi tal-31 ta' Marzu 2005. Ghalhekk ma hemmx lok li wiehed jikkunsidra aktar dana l-aggravju.

**4.** L-ewwel aggravju ta' l-appellant – dwar l-ismijiet f'dawn il-proceduri – jirrazenta l-fieragh. Huwa evidenti li quddiem il-qrati ta' Malta il-kontestanti – minn qed jitlob l-enforzar u kontra min qed jintalab dana l-enforzar – huma tnejn u

tnejn biss, cioe` is-socjeta` appellata Elf Aquitaine u l-appellant Guelfi. Il-fatt li quddiem il-qrati Francizi u sahansitra quddiem il-Qorti ta' l-Appell ta' Parigi kien hemm diversi "defendants" ohra huwa rrelevanti ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri maghmula skond ir-Regolament.

**5.** Permezz tat-tieni aggravju tieghu l-appellant qed jargumenta li s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' Parigi tal-31 ta' Marzu 2005 m'ghandhiex tigi rikonoxxuta u ghalhekk anqas enforzata f'Malta, ghax din tmur manifestament kontra l-"public policy" ta' Malta. Skond l-appellant – u dan ma hux kontestat mill-kontro-parti – is-sentenza tal-31 ta' Marzu 2005 hija essenzjalment sentenza ta' qorti kriminali, li pero` fiha, in vista ta' l-intervent tal-parti civili, dik il-qorti kkundannat lill-hatjin ihallsu wkoll danni civili. Skond l-appellant, galadarba "huwa principju bazilari tal-procedura legali Maltija illi l-azzjoni kriminali u dik civili jitmexxew b'mod distint u indipendenti minn xulxin", isegwi li jekk din il-Qorti tordna l-enforzar tal-parti fejn il-hatjin gew ikkunannati ihallsu danni civili lil terzi (fosthom lis-socjeta` Elf Aquitaine), tali enfurzar ikun manifestament kontra l-"public policy" ta' Malta kif diga` nghad. Issa, f'dan il-kuntest din il-Qorti tosserva li bil-kliem "manifestly contrary to public policy" il-legislatur Ewropew ma kienx qed jirreferi ghal proceduri li ma jkunux maghrufa jew mithaddma fl-istat li fih tintalab l-ezekuzzjoni tas-sentenza – kieku kien hekk l-iskop kollu tal-*Brussels-Lugano regime* jigi vanifikat. Xi haga tkun manifestament kontra l-"public policy" ta' Malta jekk tkun tikkozza ma xi principju ta' dritt tant fondamentali, jew ma' xi principju morali, li ghandu necessarjament iwassal lill-qorti – f'dan il-kaz lill-qorti Maltija – li tirrifjuta li tirrikonoxxi dik is-sentenza barranija. Fi kliem il-Qorti Ewropea fil-kaz ***Krombach v. Bamberski*** [2000] E.C.R. I-1935:

**"Recourse to the clause on public policy in Article [34(1)] can be envisaged only where the recognition or enforcement of the judgment delivered in another Contracting State would be at variance to an unacceptable degree with the legal order of the State in which enforcement is sought inasmuch as it**

**infringes a fundamental principle. In order for the prohibition of any review of the foreign judgment as to its substance to be observed, the infringement would have to constitute a manifest breach of a rule of law regarded as essential in the legal order of the State in which enforcement is sought or of a right recognised as being fundamental within that legal order.”** (para. 37).

**6.** Issa huwa minnu li diversi sentenzi tal-qrati taghna fissru li huwa principju baziku tal-procedura li l-azzjoni penali u l-azzjoni civili jimxu separatament minn xulxin. Dan il-principju, pero`, ma huwiex “fondamentali” fis-sens li sentenza kriminali ta’ qorti barranija li tkun akkordat danni civili lill-parti leza f’dik l-istess sentenza, m’ghandhiex jew ma tistax tigi rikonoxxuta f’Malta. Addirittura anke fil-ligi taghna insibu kazijiet fejn proceduralment l-aspett penali u dak civili jithalltu ma xulxin. Hekk, per ezempju, fl-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37) insibu li persuna misjuba hatja ta’ xi ksur skond l-artikolu 62 tehel “ghal kull wiehed minn dawk ir-reati multa ekwivalenti ghal tliet darbiet l-ammont ta’ dazju li ghandu jithallas fuq l-oggetti jew mitejn u hamsin lira, skond liema jkun l-akbar, <u>hekk li terz minn dak l-ammont ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u li jithallas lid-dipartiment tad-dwana</u>, jew ghal dik il-multa flimkien ma’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn sentejn…” (sottolinear ta’ din il-Qorti). Qabel l-emenda introdotta bl-Att XIII ta’ l-2005, l-artikolu 62 imsemmi kien jaqra hekk: “Izda wkoll, meta jinsab hati, terz tal-piena ta’ flus jitqies fuq it-talba tal-prosekuzzjoni bhala dejn civili u ghandu jigi dikjarat mill-qorti kompetenti fil-ghoti tas-sentenza li hu dovut u li ghandu jithallas lill-Gvern u ghandu jigi ezegwit fl-istess qorti[10] li taghti s-sentenza bl-istess mod bhallikieku inghatat f’azzjoni civili maghmula bejn il-Gvern u l-hati.”

**7.** Hekk ukoll, meta Qorti ta’ Gustizzja Kriminali taghti sentenza ta’ prigunerija sospiza, tista’ taghti direttiva dwar restituzzjoni jew kumpens favur il-parti offiza – artikolu

[10] Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, Qorti Kriminali, jew Qorti ta’ l-Appell Kriminali.

28H tal-Kap. 9. U fl-Att dwar il-*Probation* (Kap. 446) insibu l-artikolu 24 li jipprovdi hekk

**"(1) Meta Qorti taghmel ordni ta' *probation*, ordni ta' servizz fil-komunita`, ordni ta' *probation* u servizz, ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata jew meta tillibera lil xi hati ghal kollox tista', minghajr pregudizzju ghall-poter li ghandha dwar l-ispejjez taht l-artikoli 380 u 533 tal-Kodici Kriminali, tordna lill-hati jhallas dawk id-danni ghal xi feriment jew b'kumpens ghal xi telfien hekk kif il-qorti jkun jidhrilha li jkun l-aktar ragonevoli.**

**"(2) Ordni ghall-hlas ta' danni jew kumpens kif hawn qabel imsemmi tista' tigi infurzata bl-istess mod bhallikieku din kienet inghatat f'azzjoni civili bejn il-hati u l-persuna lil min id-danni jew il-kumpens jigu ordnati li ghandhom jithallsu:**

**"Izda ebda haga f'dan l-artikolu m'ghandha tidderoga mid-dritt ta' dik il-persuna li tkopri kull ammont iehor li jifdal b'xi mezz iehor minghand il-hati jew minghand xi persuna ohra li tista' tkun responsabbli ghall-istess hlas."**

**8.** Minn dawn id-disposizzjonijiet ghandu jkun car, jekk qatt kien hemm xi dubju, li fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' Parigi tal-31 ta' Marzu 2005 ma hemm xejn, ghal dak li jirrigwarda l-aspett civili tal-kawza u l-ordni ghall-hlas tad-danni, li b'xi mod jikkozza ma' l-ordni pubbliku Malti. Dan kollu, s'intendi, qed jinghad b'aggunta ma' dak li qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni taghha appellata (cioe` d-decizjoni ta' l-24 ta' Novembru 2005) fis-sens li ghalkemm l-aspett penali tas-sentenza tal-31 ta' Marzu 2005 ma jaqax fl-ambitu tar-Regolament, dak civili jaqa'. Ghalhekk dana t-tieni aggravju qed jigi wkoll respint.

**9.** Jibqa' biex jigi kkunsidrat it-tielet aggravju ta' l-appellant. L-appellant jikkontendi li jekk id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell ta' Parigi "tkun iddikjarata bhala ezegwibbli f'Malta kif qed tippretendi s-socjeta` Elf Aquitaine, dan jista' jwassal ghal sitwazzjoni assurda fejn

is-socjeta` appellata tkun qed tithallas iktar minn darba jew aktar milli jmissha. Certament illi jekk kellu jigri hekk, dan ikun imur kontra l-ordni pubbliku ghaliex tkun qed tintlaqa' talba sabiex tigi reza ezegwibbli sentenza ghal pagament li diga` gie effettwat *in toto* jew *in parte*." Anke dana l-aggravju huwa infondat. Kif tajjeb osservat is-socjeta` appellata fir-risposta taghha ghar-rikors ta' appell, il-proceduri odjerni, ossia skond ir-Regolament, huma intizi sabiex is-sentenza estera tigi rikonoxxuta u dikjarata ezegwibbli daqslikieku kienet sentenza moghtija minn Qorti Maltija. Mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li toqghod tara kemm, minn dak dovut, thallas jew ma thallasx sa issa, ghax tali ezercizzju kjarament jaqa' barra mill-parametri ta' l-artikoli 34 u 35 ta' l-istess Regolament, oltre li jgib fix-xejn l-iskop kollu tar-Regolament u cioe` li sentenza moghtija minn qorti kompetenti fi Stat membru tal-UE titqies daqslikieku nghatat fi Stat membru iehor fl-anqas zmien possibbli. Huwa biss meta eventwalment jinhargu l-mandati ezekuttivi li s-socjeta` Elf Aquitaine tkun obbligata li tiddikjara l-ammont li talvolta ghadu dovut mill-appellat – jigifieri wara li jitnaqqas dak li seta' diga` thallas minn ko-imputati ohra jew li effettivament inqabad f'gurisdizzjonijiet ohra. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi wkoll respint.

**10.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell interpost minn Andre` Guelfi permezz tar-rikors tieghu tas-27 ta' April 2006 u tikkonferma d-decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili ta' l-24 ta' Novembru 2005 fl-ismijiet premessi. Spejjez, jekk hemm, ikunu kollha – kemm dawk ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza – a karigu ta' l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------